*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

## IS-SEBA LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 64**

**It-Tnejn 16 t'Ottubru 2017**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fil-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**64.1**

**64.1.1** Ma kienx hemm ittri t'apolġiji

**64.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 63 tal-25 ta'Settembru 2017:***

**63.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 7 artiklu 63.8.2 u qal illi jrid iżżid dan li ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-kuntrattur il-ġdid tal-istreet sweeping ġabx il-lista tal-ETC tal-ħaddiema. Il-Kunsillier is-Sur Ciantar qal li qed jibgħat żewġ ħaddiema biss bil-karrettafilwaqt li karretta numru 2 u 4 ma jidrux."*

**63.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 63.3.1 għandu jiżdied dan li ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa għalfejn għada ma tressqitx il-Bus stop u s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien ltaqa mal-kuntrattur li talbu €200. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċetta imma baqa ma ġiex."*

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-18.05.***

**63.2.3** Il-Kunsillier is-sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 2 artiklu 63.2 għandha tiżdied il-kelma ssekonda kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda l-votazzjoni kienet 4 favur, 0 kontra u 2 astenzjoni."*

**63.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi paġna 3 artiklu 63.2.5 għandha tinbidel kif ġej:

"Huwa kien ser jibgħat korrispondenza elettronika ġurnata wara biex jikkonferma dan."

*Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**63.2.5** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet fuq paġna 3 artiklu 63.2.4 kif bqajna fuq il-kwistjoni tal-ex Jerma.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ser niddiskutu dan il-punt fil-komunikazzjoni mis-Sindku.

**63.2.6** Is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 artiklu 63.2.3 jekk saritx il-laqgħa mall-Green MT.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma stajnix niltaqgħu miegħu għaliex il-Kunsill kien talab għal proposti ġodda lil Green MT u Green Pak għal perjodu Novembru 2017 – Novembru 2019.

**63.2.7** Il-Kunsillier Is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 artiklu 63.2.8 jekk saritx il-laqgħa mas-Sur Cohen.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandu jiltaqa miegħu għaliex għandu xi affarijiet oħra li jrid jiddiskuti miegħu. Kellhom laqgħa imma ġiet proposta.

**63.2.8** Is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 artiklu 63.3.1 meta ser titbaxxa l-isleeping policeman fi Triq La Sengle.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ewwel irid jiltaqa mal-kuntrattur qabel imur jagħmel ix-xogħol.

Is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fi Triq Wigna court hemm sleeping policeman tat-tarmac li tinsab imkissra u irridu naraw ux ser nirranġawha jew inkella nneħuha.

Is-Sindku qal illi tajjeb li titħalla u nirranġawha.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-isleeping policeman ta Triq tal-Gardiel ser ikollha titneħħa minħabba l-ilma li qed jidħol għand residenti minħabba fiha.

**63.2.9** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 artiklu 63.3.3 fejn il-Kunsill kien iddeċieda li nitkbu lil Transport Malta rigward il-bankina ħdejn il-Magħluq u staqsa jekk ktibnilhomx. Din kienet il-proposta li titwessa t-triq li kienet għaddiet fis-seduta preċedenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah illi l-ittra bagħtnija lil Transport Malta kif ukoll lill Onor Ian Borġ.

**63.2.10** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud paġna 6 artiklu 63.7.6 staqsa jekk irċivejnix petizzjoni tar-residenti rigward id-diving centre kontra l-applikazzjoni sottomessa mil-Ministeru tal-Edukazzjoni PA 07283/17.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-petizzjoni waslet il-Kunsill dakinhar stess pero jħoss illi din il-petizzjoni ma kelliex tintbgħat lilna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-petizzjoni ma kelliex tintbgħat lill-Kunsill.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħala għal laqgħa fis-18:22***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-kontenut tal-petizzjoni, kompla jgħid illi din għandha titressaq quddiem il-Planning Authority.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Kunsill għandu jgħaddiha hu lill-Planning Authority.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi r-residenti bgħatuha lilna għax jaħseb li qed jistennew lill-Kunsill jieħu deċizzjoni fuq jekk naqblux li jsir dan id-diving centre fejn hu propost.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard qalet illi l-Kunsill kien ħa d-deċizzjoni li dejjem ikun objector.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi trid dejjem tara l-każ individwalment.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar talab biex jara l-pjanti sabiex ikun jaf jekk dan il-bini propost huwiex *within building zone*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi dan il-punt ġie diskuss diġa fil-laqgħa preċedenti u m'għandnix għalfejn nerġgħu niddiskutu l-pjanti f'din il-laqgħa.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi fl-aħħar laqgħa kellhom jitilqgħu qabel pero min kif qed jara fil-minuti kien hemm suġġeriet li dan id-diving centre isir fil-binja eżistenti u mhux tinbena binja oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi llum irridu niddeċiedu x'ser isir bil-petizzjoni li ntbgħatet mir-residenti, kompla jgħid illi hu  jissuġerixxi li din tintbgħat lil Ministeru tal-Edukazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jaqbel ma Lawrence pero għandha intbgħat ukoll lill Planning Authority.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi petizzjoni biex tkun valida trid tkun oriġinali u dik li bgħatu lill Kunsill hija kopja.

Is-Sindku qal illi din waslet il-Kunsill by hand għalhekk ser ikellem lil din il-persuna u jgħidlu sabiex jibgħat l-oriġinali lil Ministeru u l-Planning Authority.

Kien hemm qbil unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jħoss illi l-Kunsill għandu jagħmel pressure biex in-naqra kosta li għandna f'Marsaskala għandna nipproteġuha, kompla jgħid illi hu jipproponi illi l-pitch eżistenti jsirlu refurbishment u mhux tinbena binja oħra ħdejh dan meta ser isir waterpolo pitch ġdid ieħor fi Triq is-Salini.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-email li ntbgħatet lis-Sur Alex Muscat mill-Kunsill fejn dan il-punt ġie imsemmi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi issa ser ikun hemm l-mużika tgħajjat fil-pitch l-antik u l-mużika tgħajjat fil-pitch il-ġdid, hu staqsa ir-ristorant fil-binja l-oħra jekk hux ser ikun taħt l-istess klabb.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi preżentament huma għandhom żewġ postijiet ristorant iż-Żonqor li ser jitneħħa minħabba l-Universita' u  ser jiġi fil-binja l-ġdid fi Triq is-Salini u r-ristorant tal-pitch l-antik.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jaf bi tlett outlets illi għandhom u mhux tnejn qal illi dan hu irrelevanti għaliex il-punt li irridu nqajjmu hu li l-Kunsill jgħamel pressjoni sabiex il-binja biswit il-pitch l-antik ma ssirx.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jissuġerixxi li nkellmu lill persuna li għamlet l-applikazzjoni u nistaqsuha għaliex ma kkonsultatx mall-Kunsill qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ż-żmien għaddej u jekk ser noġġezzjonaw tajjeb li issir malajr qabel jagħlaq iż-żmien.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi dan il-bżonn ta' diving centre ġdid li ser joħloq inkonvenjent ġdid ser jiġi fil-post indikar minħabba l-bini tal-Universita' li ser tinbena.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi meta qajjem il-punt li niltaqaw b'urġenza mal-AUM minħabba l-bini tal-Universita peres illi l-pjanti qiegħdin dejjm jinbidlu, kompla jgħid illi hu xtaq isaqsihom x'inhu l-pjan tal-binja issa u sabiex jissuġerixxi illi d-diving centre jiġi inkorporat fl-Universita', pero jaf li huwa kollu għalxejn għaliex fl-email mibgħuta mis-Sur Alex Muscat lill-Kunsill hemm mniżżel ċar li din il-binja ser issir.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nibgħatu lil Planning Authority illi l-binja eżistenti hija biżżejjed biex tinkorpora fiha diving centre mingħajr ma tinbena binja oħra u għaldaqstant il-Kunsill għandu joġġezzjona għal din l-applikazzjoni.

**63.2.11** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa kif ser nibqgħu fuq il-caravan site f'Marsaskala.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill m'għandux għalfejn jerġa jieħu posizzjoni għaliex l-Planning Authority għandha tieħu azzjoni wara li l-Kunsill irapporta kemm-il darba.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-caravans għandhom hemm u għandna niktbu lil Onor Herrera rigward dan l-inkonvenjent.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi l-Pulizija għandhom ikunu infurmati għaliex il-liġi għandha tiġi osservata.

Sar qbil unanimu illi ningħatu lill-Planning Authority, lill-Ministeru Herrera, Head of enforcement, l-ERA u l-kummissarju tal-Pulizija.

**63.2.12** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 5 artiklu 63.7 jekk il-Pulizija ħadux azzjoni rigward l-imwejjed u siġġijiet tal-Country view.

Is-Sindku qal illi hu kellem lil Pulizija ħafna drabi. Huwa kompla jgħid illi issa hemm bzonn li nkellmu s-Supretendent.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fil-laqgħa plenarja li kellhom il-Kunsilliera , rappreżentant tal-Planning Authority tkellem magħhom u qalilhom illi n-negozzju hu l-aktar importanti u mhux ir-residenti, kompla jgħid illi la jkun hemm il-laqgħa tas-Sindki , s-Sindku għandu jitkellem mas-Sur Mario Fava sabiex tinbidel il-liġi tal-ħwienet rigward l-permessi tal-imwejjed u siġġijiet.

**63.2.13** Is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 4 artiklu 63.2.7 jekk l-MTA tawniex risposta fuq il-flus tal-fustun.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu kellu jiltaqa mas-Sinjura Elizabeth Aquilina tal-MTA pero ma setgħatx tiltaqa miegħu u min dakinhar kien hemm xi tibdil fil-membri tal-Foundation for Tourism Zone development u ma reġgħux tkellmu pero hi kienet talbitu sabiex jibgħatila il-kwotazzjoni maqsuma fi tlieta u s-Segretarju Eżekuttiv kien bgħatilha.

**63.2.14** Is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq l-art ta' Fino u kif ser nibqgħu sabiex jittella l-ħajt.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu tkellem ma ħaddiem tiegħu u qallu sabiex jinforma lis-Sur Fino sabiex itella l-ħajt mill-aktar fiss possibli.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar issuġġerixxa illi nnaddfu l-art kkonċernata u ssir press conference fejn ninfurmaw lill-Pubbliku illi l-Kunsill ħa l-passi neċessarji u naddaf l-art , jekk din terġgħa tibda tintela bil-ħmieġ għandna nagħmlu press release oħra fejn nuru li dan biex b'hekk il-pubbliku jkun jaf li min naħa tal-Kunsill ittieħdu passi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li la darba nafu min hu s-sid il-Kunsill m'għandu bl-ebda mod itella l-ħajt hu iżda nagħmlu pressjoni fuq is-sid, kompla jgħid illi fil-każ tal-binja fi Triq is-Sallur fejn ma nafux min hu s-sid hemm irridu naraw x'passi ser nieħdu.

Kien hemm qbil unanimu illi nkellmu lis-Sur Fino sabiex itella l-ħajt fil-binja tiegħu.

**63.2.15** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq punt 63.2.6 jekk il-Kunsill kellux risposta fuq il-fishfarms.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bgħatna ittra lill-ERA, Transport Malta u s-Sur James Piscopo ta Transport Malta pero għadna ma rċevejna l-ebda risposta.
Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din hi kwistjoni importanti ħafna li qed tkun ta' nkonvenjent lil dawn li jgħumu u anke lil min ma jgħumx.

Il-Kunsill qabel unanimament illi neġġħu nibgħatu reminder sabiex nieħdu risposta.

**63.2.16** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk il-Kunsill jafx x'ser isir fejn hemm l-ETVAN.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan l-aħħar, b`konċidenza ltaqa ma wieħed mis-sidien tal-ex lukanda Etvan u staqsejtu x'ser isir mil-lukanda. Fil-fatt qal illi l-ex Etvan ser tiġi trasformata f`dar tal-azjani. Is-Sindku staqsieħ ukoll x`ser isir mis-sit li hemm biswit il-Kunsill. Sid l-art li fil-preżent hija skavata qallu li l-ħsieb huwa li tinbena lukanda.

**63.2.17** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 7 artiklu 63.7.6 paragrafu 10 u qal illi għandna nkellmu lill ħaddiema tal-Gvern li qed jiġu jisbħu r-railing għaliex qed jgħaddu biż-żebgħa min fuq l-arbli tad-dawl li saru ġodda u li l-Kunsill ħsareġ eluf ta' liri għalihom.

Sar qbil unanimu illi nkellmuhom.

**63.2.18** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq l-impjant tar-riċiklaġġ u qal illi ħarġet fuq il-media illi l-Impjant ta' Sant Antnin ser jerġġħa jintrama fejn tkisser u wara 7 snin jitneħħa, kompla jgħid illi t-terrapin li għad hemm huwa ta' periklu kbir u jistgħa jwassal għal nirien kif diġa ġara għalhekk tajjeb li nibgħatu ittra lill Ministru fejn ngħidu li l-Kunsill huwa ikkonċernat illi dan li ġara ftit tax-xhur ilu jerġġħa iseħħ.

Kien hemm qbil dwar dan.

**63.2.19** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-kenniesa mhux qed ikunu erba fit-toroq iżda tnejn. Fil-fatt il-krieret numru 1 u 3 qed jintużaw filwaqt li l-oħrajn mhumiex qedgħin jidru.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill qed jiġu jirrifmaw erba u fit-toroq ikun hemm biss tnejn.

Il-Kunsillier is-Sur Ciantar qal illi nispera li l-Kunsill jibda jieħu passi immedjati għalkemm iħoss illi bħala knies morna aħjar milli konna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi f'ċertu areas li ra hu kien hemm tittjib fis-servizz.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-ġimgħa ċempel lill-Kunsill għaliex ħalla l-boroz fi Triq il-Blajjiet meta dawn suppost inġabru.

Kien hemm qbil unanimu illi nkellmu lis-Sur Saviour Mifsud.

- ***Intalbet sospenzjoni ta regolamenti sabiex jiġi diskuss Nru tal-Aġenda 64.5 Rapport ta' Kull kwart Lulju-Settembru 2017.***

**64.5** ***<u>Rapport ta' Kull kwart Lulju-Settembru 2017:</u>***

L-Accountant tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Calleja spjegat ir-rapport lill-Kunsill.

Kien hemm qbil illi nkellmu lill Perit William Lewis sabiex nibdew bil-proċeduri għat-tender għal bażi ġebel u saqaf tal-bini amministrattiv tal-Kunsill.

*Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart bejn Lulju u Settembru 17 u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

64.3 ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

64.3.1 ***Żieda fin-Notch tas-Sinjura Rebecca Micallef f'Novembru u tas-Sinjura Sharon Schembri f'Diċembru:***

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi is-Sinjura Micallef f'Novembru ser titla fi Skala 10 Punt 5 u s-Sinjura Schembri f'Diċembru ser titla fi Skala 11 Punt 4.

Il-Kunsill qabel unanimament.

64.3.2 ***Il-Kunsill Lokali irid joħroġ sejħa interna għal Skala 11:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill wasal sabiex joħroġ sejħa interna għal impjegata fi Skala 11.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb illi fil-Kunsill ikollna ġerarkija fil-forma ta' piramida.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi aħna bqajna bl-istess impjegati u bħal ma diġa progressa ħaddieħor għandu jkollu ċans ħaddieħor ukoll.

Is-Sindku qal illi hu mhux ħa jżomm impjegati milli jipprogressaw għaliex kollha kemm huma dejjem għamlu l-almu tagħhom fix-xogħol mitlub minnhom.

Kien hemm qbil unanimu illi tinħareġ sejħa interna għal Skala 11.

64.3.3 ***Proposta mit-TCTC- EM Citizen:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi irċivejna min naħa tat-TCTC li ser isir kors f'Jannar li ġej fejn min japplika ser ikun qed iħallas €10 għan-noti.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nistaqsu lit-TCTC kemm ser ikun jiswa dan il-kors għall-Kunsill għax ma hemmx speċifikat u kemm il-darba hu l-istess ammont ta' korsijiet oħra li saru fil-passat l-Kunsill jaqbel li jsir dan il-kors.

64.3.4 ***Kwotazzjoni għar-restawr ta' 15-il bank li nqalaw minn Żonqor:***

Is-Segretarju Eżekuttiv spejga lill-Kunsill illi l-ħaddied tal-Kunsill ġabar kwotazzjoni bl-aħjar prezzijiet li seta jsib għall materjal li hemm bżonn sabiex il-bankijiet isirilhom refurbishmenbt tajjeb u dawn ġew jammontaw għal €263.86 il-wieħed.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi meta konna xtrajna il-bankijiet ġodda dawn kienu ġew jiswewna bejn Lm 100 u Lm130 u biex nirrestawrawhom ser jiġuna €263.86 u allura hu jixtieq jara kemm jiġuna li kieku nixtruhom ġodda. Is-Sur Camilleri qal illi l-bankijiet li konna xtrajna kienu bl-injam Eroko u meta tkellem ma xi ħadd li jifhem fl-injam qallu illi l-injam tal-aħmar cioe l-injam li hemm imniżżel fil-kwotazzjoni ma jdumx aktar minn 5 snin meta tikkunsidra l-elementi naturali speċjalment ħdejn il-baħar. Il-Kunsillier is-Sur Camilleri qal illi hu ħadem xi costings ukoll tal-injam u sab illi kull strixxa injam tal-aħmar tiġi tiswa bejn wieħed u ieħor €6.50 fejn kull strixxa tal-injam Eroko tiġi tiswa €11.00 u allura l-bank ser jaqbeż it-€300 kull wieħed.

Kien hemm qbil unanimu illi niċċekjaw kemm jiswewena bankijiet ġodda u fil-każ nipproċedu bir-restawr tagħhom.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mil-laqgħa fit-19:52.***

**64.3.5** ***Risposti tal-Proposti tal-Green MT u Green Pak:***

Is-Segretarju Eżekuttiv fetaħ il-kaxxa tal-offerti u wera lill-Kunsilliera illi kien hemm biss pakkett wieħed u li kien tal-Green MT anke jekk l-Kunsill kien bagħat għal proposti tal-Green Pak.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill talab sabiex il-ġbir tal-iskart irriċiklat jibda jsir kull Nhar ta' Tlieta u Nhar ta' Ġimgħa u din kienet inkluża fl-offerta sottomessa minn Green MT.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb nkellmuhom fuq il-frekwenza tal-ħasil tal-iskips.

Is-Sindku qal illli tajjeb li kull filgħodu jkun hemm xi ħadd li jdur l-iskips u jnaddaf madwara.

Is-Sindku qal illi ser ikun hawn inizjattiva li daħlu fiha diversi Kunsilli u hu ħass illi l-Kunsill m'għandux ma jidħolx għaliha anke peress illi din hija inizjattiva fejn ser tgħin lill-Istrina, fejn ir-residenti jiġu bil-kartuna tal-ħalib nadif u juices ġewwa l-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-proposta tal-Green Mt għal perjodu Novembru 2017 – November 2019.

**64.3.6** ***Write offs:***

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-lista tar-write offs lill-Kunsilliera:

| | |
|---|---|
| KLM 001215 | Canon 2520 |
| KLM 001372 | Canon IP 7250 |
| N/A | Dell Monitor |
| N/A | UPS blazer |

**64.4** ***Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:***

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**64.7** ***Komunikazzjoni:***

**64.7.1** ***Risposta mingħand il-Periti Demicoli rigward l-AUM (35/3376/17/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill bagħat lis-Sur Demicoli sabiex tkun tista issir laqgħa rigward l-Universita' u bgħatulna illi għad fadal jinbiddlu xi designs u allura fadal 8 ġimgħat oħra sakemm tkun tista issir il-laqgħa.

**64.7.2** ***Aġġornament dwar il-Jerma Palace Hotel (35/3390/17/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rigward il-Bini tal-Jerma ġew informati minn Uffiċjali tal-Planning Authority illi f'Marsaskala mhumiex ser jaċċettaw high rise building u hemm permessi għal hotel u appartamenti pero` dejjem iridu jimxu mal-policies tal-Planning inkella mhux ser tiġi aċċettata.

**64.7.3** ***Proposta mingħand Leon Promotions(35/3320/17/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill illi irċivejna mingħand Leon Promotions fejn jekk aħna nteressati dawn jagħmlu attivitajiet għal żmien il-Milied.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar diġa għandha l-pjan tal-attivitajiet għal dan il-Milied u ma jaħsibx illi hemm għalfejn nidħlu għall aktar spejjeż.

**64.7.4** ***Risposta mingħand id-Deputy Chief of staff rigward il-pitch ta' Marsaskala (35/3280/17/I):***

Dan is-suġġett diġa ġie diskuss.

**64.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**64.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-invoice li daħlet tard u ser jippreżenta waqt il-laqgha:

Is-Sinjura Ursula Greenland – Rent for Council premises for November 2017, December 2017 and January 2018 - €3450.00.

**64.8.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi infaqna €117000 sabiex għamilna Triq il-Qaliet u staqsa jekk sarx core cut test għaliex huwa importanti ħafna.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma jaħsibx li sar dan it-test pero ser jitkellem mal-Perit William Lewis.

**64.9** ***Mozzjonijiet:***

Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**64.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 27 ta' Novembru 2017 fis-6.00pm.

Konfermat illum 16 ta' Ottubru 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |